MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 73/1958/2

**Maria mart l-imsiefer Philip Debono u b'nota tat-2 ta' Marzu, 1978, l-Avukat Dottor Alfred Grech fil-kwalita` tieghu ta' kuratur ta' l-eridita` gjacenti ta' Filippo Debono kif nominat b'digriet tal-Qorti ta' Ghawdex Gurisdizzjoni Volontarja tas-6 ta' Awissu, 1976, assuma l-atti tal-kawza minflok l-imsemmi Filippo Debono; u b'digriet ta' l-10 ta' Settembru, 1992, il-gudizzju ghall-interess li kellha l-attrici gie trasfuz f'isem Carmela armla ta' Salvatore Vella**

**vs**

**Avukat Dr. Paolo Mercieca u P.L. Luigi Cutajar b'digriet tat-2 ta' Settembru, 1958, kuraturi deputati**

**ghar-rapprezentanza ta' l-imsiefer Francesco Galea u b'digriet ta' l-24 ta' Ottubru, 1958, gew imqeghda barra mill-kawza l-imsemmija kuraturi u minflokhom assumiet l-atti Rosa mart Michele Galea bhala mandatarja ta' l-imsiefer binha Francesco Galea; u b'digriet tat-12 ta' Novembru 1958 gie msejjah fil-kawza il-Kanoniku Dekan Dun Francesco Camilleri bhala mandatarju ta' John Mifsud; u b'digriet tas-16 ta' Dicembru, 1999, Frank Galea gie konfermat biex jassumi l-atti f'ismu personali u mhux bhala kuratur deputat peress illi huwa kien Malta waqt il-pronunzjament tas-sentenza moghtija fid-19 ta' Ottubru, 1999; u b'nota tat-2 ta' Frar, 2000, Bernarda mart Anthony Galea assumiet l-atti tal-kawza fil-kwalita` taghha ta' mandatarja ta' l-assenti Frank Galea; u b'digriet tas-16 ta' Dicembru, 1999, Anthony Galea gie konfermat bhala kuratur fil-kwalita` tieghu ta' mandatarju ta' Madame Polette Poly Missud armla ta' l-istess Jean Missud u uliedu Thierry Missud, Laurent Missud u**
**Isabelle Missud mart Jean Pierre Vienaud.**

**Il-Qorti:**

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2006 li permezz tieghu hija stess issollevat *ex officio* id-dubbju dwar jekk f'dan il-kaz ir-rikors ta' ritrattazzjoni kienx ritwali o meno minhabba l-fatt li wara s-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Jannar 2004 il-kawza kienet regghet giet rimessa lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet maghmula fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2006; rat ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet ezibiti fis-17 ta' Lulju 2006 u fit-28 ta' Lulju 2006;

Tiddeciedi illi ma hemm ebda irritwalita` minhabba c-cirkostanza sollevata minnha stess fil-verbal imsemmi tat-13 ta' Marzu 2006, u ghalhekk tordna l-prosegwiment tas-smigh tar-rikors ippresentat fl-14 ta' Settembru 2005, u dan, s'intendi, interament bla pregudizzju ghall-fondatezza

o meno tat-talba ghar-ritrattazzjoni anke fid-dawl tal-oggezzjonijiet kollha mqajma mill-attrici ritrattata fir-risposta taghha tal-24 ta' Ottubru 2005, talba w oggezzjonijiet fil-meritu li ghad iridu jigu kkunsidrati minn din il-Qorti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------